MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Appell Inferjuri Numru: 44/2019 LM

**Reuben Psaila (K.I. numru 380177(M))**
*(l-appellat)*

***vs.***

**Malta Public Transport Services (Operations) Limited (C48875)**
*(l-appellanta)*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Malta Public Transport Services (Operations) Limited** [minn issa 'l quddiem "is-soċjetà appellanta"] mid-deċiżjoni mogħtija fit-3 ta' Mejju, 2019, [minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata"], mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"], li

permezz tagħha ddeċieda r-rikors tar-rikorrent **Reuben Psaila** [minn issa 'l quddiem "l-appellat"] kif ġej:

*"04. **Deċiżjoni***

*Għal dak kollu kif spjegat it-Tribunal isib u jaqta' illi t-terminazzjoni tal-impieg kif ġiet preżentata lit-Tribunal Industrijali, u mid-dokumenti esebiti, dan it-Tribunal jasal għad-Deċiżjoni studjata tiegħu illi t-Terminazzjoni tal-Impieg ma kenitx u ma saritx għal raġuni ġusta."*

*Bl-ispejjeż kollha inklużi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-16 ta' Jannar 2015 u bl-imgħax mid-data tan-notifika tar-rikors odjern.*

*05. **Kumpens***

*Għaldaqstant il-Prinċipal, is-Soċjetà Appellata, hija ordnata mit-Tribunal Industrijali biex:*

*i. Tagħti ċertifikat nadif ta' Temm tal-Impieg u li fih ma tħalli l-ebda dubju f'min jaqrah li l-impieg ma ntemmx fuq bażi ta' Dixxiplina jew 'Redundancy';*

*ii. Is-Soċjetà Appellata bħala l-Prinċipal tara li tkun ħallset fis-sħih is-sehem tagħha tal-Kontribuzzjoni tas-Sigurtà Nazzjonali għall-perijodu kollu matul l-impieg tal-Appellant.*

*iii. Sa l-aħħar jum ta' xogħol tax-xahar ta' Mejju 2019 Is-Soċjetà Appellata għandha tħallas għal darba waħda biss l-ammont ta' Tnejn u Tletin Elf Euro (€32,000) lill-Appellant.*

*B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-Xogħol."*

## Fatti

2. Il-fatti mhux kontestati mill-partijiet jirriżultaw kif ġej. Skont ftehim iffirmat bejn l-appellat u s-soċjetà Arriva Malta Ltd, huwa beda jaħdem ma' dik is-soċjetà bħala *Senior Mechanic* fis-27 ta' Ġunju, 2011, b'salarju ta' €16,000

fis-sena.[1] Imbagħad fl-14 ta' Jannar, 2012, huwa ngħata kuntratt ta' impjieg ġdid mal-istess soċjetà bħala *Engineering Supervisor*, b'salarju ta' €20,000 fis-sena.[2] Is-soċjetà appellanta permezz ta' ittra tas-27 ta' Lulju, 2016, iffirmata minn Roderick Bajada, *Human Resources Director,* ikkonfermat din il-kariga tiegħu skont il-ftehim kollettiv, iżda b'żieda fis-salarju tiegħu li waslet għal salarju annwali ta' €24,722.88.[3] Fit-18 ta' Awwissu, 2016, l-appellat irċieva ittra mingħand l-imsemmija soċjetà appellanta, għal darb'oħra ffirmata mill-istess Roderick Bajada, fejn wara li għamel riferiment għal-laqgħa li kienet saret mal-appellat fis-26 ta' Lulju, 2016, dan kien ġie mgħarraf li din il-kariga kienet ser titneħħa u b'hekk huwa kien ser jiġi *redundant* u wara li wkoll sar riferiment għad-deċiżjoni tiegħu li jirrifjuta li jaċċetta l-kariga offruta lilu ta' *Mechanic*, ġiet komunikata d-deċiżjoni tas-soċjetà appellanta li ttemm l-impjieg tiegħu mill-20 ta' Awwissu, 2016, u dan peress li huwa kien qed jiġi meqjus bħala *redundant.*

## Mertu

3. L-appellat istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal fis-16 ta' Diċembru, 2016, permezz tal-preżentata ta' rikors fejn talab sabiex jiġi dikjarat li t-tkeċċija mill-impjieg tiegħu mas-soċjetà appellanta kienet waħda inġusta u msejsa fuq raġunijiet mhux tajba u suffiċjenti skont il-liġi. Talab ukoll lit-Tribunal sabiex jordna li jittieħdu dawk il-miżuri kollha meħtieġa mogħtija mil-liġi, inkluż il-ħlas

[1] Ara kopja kuntratt ta' impjieg *a fol.* 4 tal-proċess.
[2] Ara kopja ta' parti mill-kuntratt ta' impjieg *a fol.* 9.
[3] Ara kopja *a fol.* 10.

ta' kumpens xieraq u adegwat skont il-liġi, bl-ispejjeż kontra s-soċjetà appellanta.

4. Is-soċjetà appellanta wieġbet li t-talbiet tal-appellat kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u li t-tkeċċija tiegħu kienet saret għal '*raġuni ġusta u suffiċjenti' ai termini* tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta għar-raġunijiet li fissret fir-risposta tagħha.

## Is-Sentenza Appellata

5. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"03.* ***Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal***

*L-ewwel seduta inżammet il-Ġimgħa, 24 ta' Marzu 2017. L-aħħar Seduta (it-tlettax-il seduta) inżammet nhar il-Ġimgha 06 ta' Lulju 2018.*

*Fl-aħħar seduta sar qbil illi is-Soċjetà Appellata kellha sal-31 ta' Awwissu 2018 sabiex tippreżenta is-sottomissjonijiet tagħha; l-Appellant sat-28 ta' Settembru 2018.*

*Il-Partijiet għamlu dan sew bil-miktub kif ukoll oralment quddiem it-Tribunal.*

*Għandu jingħad illi l-Appellant kien membru ta' Trade Union tal-għażla tiegħu il-UHM* – Voice of the Workers.

*Fil-21 ta' April tal-2017 fuq talba tal-istess Tribunal ġie preżentat dokument MPTS1 li juri* Collective Agreement *2016-2020.*

*Fl-imsemmi* Collective Agreement *fil-Paragrafu 54 (paġna 54) taħt ir-ras* REDUNDANCIES *hemm żewġ paragrafi 54.1 u 54.2.*

*Fil-paragrafu 54.1 hemm miktub ċar u tond:*

> “All redundancies will be made in accordance with the *provisions of current Industrial Legislation ...”*

*Dan il-*Collective Agreement *jidher iffirmat, fost oħrajn, minn JESMOND BONELLO, Director UHM – Voice of the workers,* ***Roderick Bajada,*** Human Resources Director *żewġ (2) firmatorji minn tmienja (8), erba’ (4) minn kull naħa bejn* Union u Employer (*Principal).*

*Madankollu, skont id-Dokument RP4 ippreżentat juri biss f’din l-ittra datata 18th August 2016 fuq il-firma ta’* ***Roderick Bajada,*** Human Resrouces Director *indirizzata:*

> “Dear Reuben, I refer to your meeting with Company Officials held on 26th July 2016 and whereby it was communicated to you that the position of Engineering Supervisor within the engineering department in Malta is being abolished. This meant that you as an employee of the Company would be made redundant.”

*XEJN AKTAR! (*ittri kbar u enfażi tat-Tribunal).

*L-ebda referenza għal dak li jipprovdi l-istess* Collective Agreement *fil-paragrafu indikat “***with the provisions of current industrial legislation”!!**

*Huwa għaldaqstant ampjament evidenti illi is-Soċjetà Appellata la mxiet ma’ dak li ffirmat għalih, lanqas ma użat il-makkinarju provdut mill-‘***provisions of current industrial legislation’** *biex waslet għad-deċiżjoni tagħha.*

*Warrbet, injorat għal kollox dak li ntrabtet li kellha tagħmel. Skont l-istess* Collective Agreement *kif elaborat fil-*PREAMBLE *u partikolarment kif miktub f’a. minn a,b,ċ,d,e li jgħid:*

> (a) “... in the mutual interest of both the employer and the employees ...”

*Fuq kollox fl-istess paġna erba(4) taħt ir-Ras* BINDING EFFECT *sub-paragrafu 1.1 minn 1.2 u 1.3 li jgħid mingħajr ekwivoku:*

> 1.1 “The Parties affirm that this Agreement is a contract that legally binds the Parties concerned.”

*Is-Soċjetà Appellata, warrbet, insiet jew deliberatament ma mxietx ma’ dak kollu li ntrabtet li għandha tagħmel skont il-ftehim Kollettiv* (Collective Agreement: 2016 – 2020).”

## Ir-Rikors tal-Appell

6. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fil-15 ta' Mejju, 2019, fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex:

> *"... tilqa' l-aggravji u l-appell tagħha, u tordna illi tħassar, tannulla u/jew tirrevoka d-deċiżjoni appellata tat-Tribunal Industrijali data 3 ta' Mejju 2019 fuq riferita, taqta l-istess kawza billi tilqa t-talbiet tal-kumpannija appellanta stante illi t-tkeċċija in kwistjoni kienet ġusta u suffiċjenti skond il-liġi u ma ingħatatx* 'smigħ xieraq', *u/jew tirrimetti lura l-każ lit-Tribunal Industrijali. Bl-ispejjeż kontra ir-rikorrenti."*

Hija qiegħda tressaq dawn l-aggravji: (1) id-deċiżjoni appellata hija nulla u bla effett; (2) it-Tribunal injora l-eċċezzjonijiet u d-difiżi legali tal-appellanta; (3) id-deċiżjoni appellata hija fondata fuq konsiderazzjonijiet legali żbaljati, erronji u illoġiċi; (4) it-Tribunal sejjes id-deċiżjoni tiegħu fuq konsiderazzjonijiet li ma ġewx imressqa mill-partijiet; (5) it-Tribunal naqas milli jikkunsidra xhieda ta' importanza; (6) it-Tribunal naqas milli juri kif illikwida l-kumpens; u (7) l-ordnijiet mogħtija mit-Tribunal jeċċedu l-kompetenza tiegħu.

## Ir-Risposta tal-Appell

7. L-appellat min-naħa tiegħu jilqa' għal kull aggravju mressaq mill-appellanta billi jgħid li l-appellanta qiegħda tittenta twarrab minn quddiem din il-Qorti l-pern tal-vertenza, jiġifieri jekk verament kienx hemm *redundancy* jew le.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tas-soċjetà appellanta, flimkien mas-sottomissjonijiet tal-appellat, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata.

*L-ewwel aggravju:* *Illi s-sentenza tat-Tribunal Industrijali hija nulla* ai termini *tal-art. 218 tal-Kap. 12 għaliex ma tinkludi l-ebda riferiment għat-talbiet attriċi, l-ebda motivazzjoni loġika li tispjega kif t-Tribunal Industrijali wasal għad-deċiżjoni tiegħu fl-isfond ta' dak mitlub u sottomess mill-partijiet*

*It-tieni aggravju:* *Illi subordinatament d-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali bl-ebda mod ma ssemmi u kompletament tinjora l-eċċezzjonijiet u d-difiżi legali mressqa mis-soċjetà appellanta dwar il-genwinità tar-*redundancy *u l-liġi viġenti in materja...*

*Ir-raba' aggravju:* *Illi apparti minn hekk id-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali hija bbażata wkoll fuq konsiderazzjonijiet illi qatt ma tqajmu mill-ebda partijiet u għaldaqstant huma bi ksur tal-prinċipju* iuxta allegata et probata

*Il-ħames aggravju:* *Illi ... fid-deċiżjoni tiegħu t-Tribunal jonqos kompletament milli jikkunsidra, jsemmi jew jindirizza bi kwalunkwe mod, għadd ta' xhieda essenzjali illi xehedu* viva voce *tul is-smigħ tal-kawża quddiem l-istess Tribunal Industrijali u dan bi ksur tad-drittijiet ta' smigħ xieraq* (audi alteram partem) *li għandha s-soċjetà appellanta*

9. Dawn l-aggravji ser jiġu ttrattati flimkien għaliex huma sostanzjalment simili, u għalhekk jgħoddu għalihom l-istess osservazzjonijiet u konsiderazzjonijiet.

10. Is-soċjetà appellanta ssostni li d-deċiżjoni appellata hija nulla *ai termini* tal-artikolu 218 tal-Kap. 12 u dan għaliex it-Tribunal ma jagħmel l-ebda riferiment għat-talbiet tal-appellat u għall-eċċezzjonijiet tagħha li t-tkeċċija saret għal raġuni valida u ġenwina ta' *redundancy.* L-appellanta tagħmel riferiment għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Joseph Tonna *vs.* Philip Azzopardi**[4], u ssostni li għalkemm it-Tribunal mhux strettament Qorti u kellu l-fakoltà li jirregola l-proċedura tiegħu stess, id-dritt għal smigħ xieraq kien applikabbli quddiemu wkoll. Is-soċjetà appellanta tirrileva li fil-każ odjern huwa wkoll applikabbli r-Regolament 12 tal-L.S. 452.18 (Proċedura tat-Tribunal Industrijali). Tgħid li t-Tribunal skont il-Kap. 490, huwa tribunal amministrattiv u għalhekk kienu applikabbli s-subartikolu 3(1) u 3(2) tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva. Is-soċjetà appellanta ssostni madankollu t-Tribunal ma semma xejn minn dawk il-provi li hija kienet ressqet u lanqas ikkunsidra s-sottomissjonijiet li hija kienet għamlet. Anki t-talbiet tal-appellat ġew skartati. B'hekk it-Tribunal għadda sabiex iddeċieda l-vertenza skont dak li ried jisma' u jara hu permezz ta' konsiderazzjonijiet u argumenti ħżiena li lanqas il-partijiet ma kienu ressqu quddiemu. Il-ħames aggravju tas-soċjetà appellanta jirrigwarda nuqqas ieħor fid-deċiżjoni appellata. Is-soċjetà appellanta tgħid li hawnhekk it-Tribunal naqas milli jagħmel riferiment għall-uħud mill-provi li hija kienet ressqet, inkluż ix-xhieda ta' Roderick Bajada u David Bermejo u Dok.

[4] App. Inf., 12.04.2007.

TB1, Dok. KA1 u l-*affidavit* tal-istess David Bermejo. Hija tagħmel riferiment għas-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Veronique Amato Gauci *vs.* EMD Advisory Services Limited**[5],filwaqt li ssostni li b'hekk ġew leżi d-drittijiet tagħha għal smigħ xieraq.

11. L-appellat min-naħa tiegħu jsostni li minkejja li fid-deċiżjoni appellata t-Tribunal ma kitibx wisq dwar il-motivazzjoni tiegħu u lanqas ma daħal fid-dettal fir-rigward tal-eċċezzjonijiet tal-appellanta, id-deċiżjoni tiegħu hija fil-fatt motivata. Dan filwaqt li jagħmel riferiment għal żewġ sentenzi ta' din il-Qorti kif diversament preseduta[6], sabiex jissostanzja dak li qed jirrileva. Huwa ma jaqbilx li t-Tribunal ma ddeċidiex skont l-allegazzjonijiet tal-partijiet u skont iċ-ċirkostanzi ta' fatt kif irriżultaw u jissottometti li l-valutazzjoni tagħhom mit-Tribunal kienet insindakabbli fl-istadju tal-appell.

12. Din il-Qorti tosserva li huwa minnu li d-deċiżjoni appellata ma tagħmel l-ebda riferiment speċifiku għat-talbiet tal-appellat u għall-eċċezzjonijiet tas-soċjetà appellanta. Huwa minnu wkoll li t-Tribunal ma mexiex dejjem skont il-liġi u r-regoli ta' proċedura applikabbli għall-Qrati. Iżda għandu jiġi mfakkar li t-Tribunal huwa regolat permezz ta' liġi partikolari u għalhekk għandu jitqies dak li jipprovdi is-subartikolu 77(2) tal-Kap. 452 li jagħtih fakultajiet *ex officio* billi jindaga aktar fil-fond tal-kwistjoni billi jottjeni dik l-informazzjoni li huwa jqies rilevanti għat-tilwima quddiemu u wkoll id-disposizzjonijiet tas-subartikolu 78(3) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid:

---

[5] Rikors numru 6/2014 AE.
[6] **Ronnie Gauci *vs.* Direttur tas-Sigurtà Soċjali**, App. Inf., 06.10.10; **Charles Schembri *vs.* Direttur tas-Sigurtà Soċjali,** App. Inf., 30.01.2009.

*"Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regola magħmula jew li huma meqjusa li saru taħt dan l-artikolu, it-Tribunal għandu jirregola l-proċedura tiegħu stess. Tkun xi tkun il-proċedura li tiġi wżata, it-Tribunal għandu jieħu ħsieb jiżgura li l-ġustizzja ssir skont il-meriti tas-sustanza tal-każ; u, bla ħsara għar-regoli tal-ġustizzja naturali, it-Tribunal għandu jasal għall-konklużjonijiet tiegħu fuq kull ħaġa b'dak l-mod li jidhirlu xieraq."*

Ir-regolament 12 tal-L.S. 452.18 jipprovdi illi:

*"Id-deċiżjonijiet u s-sentenzi tat-Tribunal għandhom ikunu bil-miktub u ma għandhomx jispeċifikaw bid-dettalji r-raġunijiet għal din id-deċiżjoni jew sentenza imma jistgħu jagħmlu riferenza għax-xhieda prinċipali li tistema'. It-Tribunal, madankollu, għandu jagħmilha ħaġa ċara bid-deċiżjoni jew is-sentenza tiegħu illi l-argumenti kollha li għandhom x'jaqsmu u li jistressqu miż-żewġ partijiet għandhom jittieħdu f'konsiderazzjoni."*

13. Kif sewwa tirrileva s-soċjetà appellanta, huwa wkoll applikabbli l-paragrafu (ħ) tas-subartikolu 3(2) tal-Kap. 490, li jipprovdi kif ġej:

*"(ħ) is-sentenzi għandhom ikunu motivati. Tribunal amministrattiv għandu jagħti, b'mod biżżejjed ċar, il-motivi li fuqhom tkun mibnija d-deċiżjoni. Għalkemm ma jkunx meħtieġ li t-tribunal jiddisponi minn kull punt imqajjem bħala argument, sottomissjoni li tkun, li kieku din tiġi aċċettata, meħuda deċiża għar-riżultat tal-kawża, għandu jkollha risposta speċifika u espressa."*

14. Minn dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi joħroġ ċar li t-Tribunal mhux marbut bl-istess formalitajiet li jipprovdi għalihom il-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk mhux neċessarju għall-validità tad-deċiżjoni tiegħu kif qiegħda tippretendi s-soċjetà appellata, li jsir riferiment dettaljat għal kull punt imqajjem mill-partijiet, inkluż għall-provi kollha ppreżentati, u jiġu deċiżi l-punti kollha magħmula mill-imsemmija partijiet. Iżda sabiex jiġi assigurat id-

dritt tal-partijiet għal smigħ xieraq, din il-Qorti tagħraf li huwa għandu jagħmel ċar il-motiv jew il-motivi tad-deċiżjoni tiegħu.

15. Issa minn qari tad-deċiżjoni appellata, jirriżulta li t-Tribunal ħa inkonsiderazzjoni diversi dokumenti ppreżentati miż-żewġ partijiet, b'mod partikolari l-kontenut (i) tal-ittra tas-soċjetà appellanta tat-18 ta' Awwissu, 2016, fejn din avżat lill-appellat li hija kienet qiegħda ttemm l-impjieg tiegħu għal raġuni ta' *redundancy* u (ii) tal-ftehim kollettiv. Għandu jingħad li dawn iż-żewġ dokumenti huma proprju l-qofol tal-kwistjoni odjerna. It-Tribunal imbagħad osserva li l-ittra tat-tmiem tal-impjieg ma kienet tagħmel l-ebda riferiment għal dak li jipprovdi l-ftehim kollettiv, senjatament il-paragrafu 54.1 tiegħu. Minn dan waħdu jirriżulta li ma jistax jingħad li d-deċiżjoni appellata ġiet imsejsa fuq konsiderazzjonijiet estranei għall-każ odjern, għaliex il-kwistjoni kollha tirrigwarda t-tmiem allegatament inġust tal-impieg tal-appellat. It-Tribunal imbagħad irrileva li kien daqstant ċar li s-soċjetà appellanta ma kinetx imxiet mal-istess ftehim, anzi warrbet dak kollu patwit, u lanqas ma kienet għamlet użu mill-makkinarju li jipprovdu għalih id-dispożizzjonijiet tal-liġi industrijali viġenti sabiex wasal għad-deċiżjoni tiegħu. Għal dawn ir-raġunijiet, it-Tribunal iddeċieda li t-tmiem tal-impjieg tal-appellat ma kienx sar għal raġuni ġusta.

16. Fid-dawl tat-talba tal-appellat li kellu jiġi dikjarat mit-Tribunal li *"...t-tkeċċija da parti tas-soċjetà konvenuta ... mill-impjieg kienet tkeċċija inġusta u bbażata fuq raġunijiet mhux tajba u sufficjenti skont il-Liġi ..."* , din il-Qorti ma tarax li t-Tribunal kellu wisq xi jgħid aktar. Mill-atti proċesswali toħroġ ċara l-

kontestazzjoni bejn il-partijiet, jiġifieri li s-soċjetà appellanta ma osservatx id-dispożizzjonijiet tal-liġi meta ddeċidiet li ttemm l-impjieg tal-appellat.

17. Ftit jiem wara li s-soċjetà appellanta permezz ta' ittra tas-27 ta' Lulju, 2016, iffirmata minn Roderick Bajada, *Human Resources Director,* ikkonfermat il-kariga tiegħu ta' *Engineering Supervisor* skont il-ftehim kollettiv,[7] fit-18 ta' Awwissu, 2016, permezz ta' ittra l-istess soċjetà appellanta avżatu li l-impjieg tiegħu kien ser jintemm fl-20 ta' Awwissu, 2016, għal raġuni li huwa kien qed jiġi meqjus bħala *redundant.*

18. Issa l-ftehim kollettiv li ġie ffirmat fil-25 ta' Mejju, 2016, u kellu jiġi fis-seħħ xahrejn wara skont il-klawsola 55.1 tiegħu, jgħid hekk:

> ***"54. Redundancies***
>
> *54.1 All redundancies will be made in accordance with the provisions of current industrial legislation. Before declaring any employee redundant, the Management undertakes to use its best endeavours to retrain and re-deploy such an employee in other sectors within the Company."*

18. Il-kariga tal-appellat bħala *Engineering Supervisor* hija mniżżla f'*Schedule 1* tal-ftehim kollettiv, jiġifieri fl-elenku tal-karigi kollha li għalih kien japplika dak il-ftehim u f'*Schedule 2* hemm indikat is-salarju li huwa kellu jirċievi. Għalhekk meta s-soċjetà appellanta ddeċiedet li tiddikjara l-appellat bħala *redundant*, hija kienet marbuta skont il-ftehim kollettiv li tagħmel l-aħjar tagħha sabiex tgħallem mill-ġdid lill-appellant u ssiblu impjieg ieħor magħha.

[7] Ara kopja *a fol.* 10.

19. Roderick Bajada, il-*Human Resources Director* fi ħdan is-soċjetà appellanta, xehed bil-ġurament quddiem it-Tribunal waqt is-seduta tal-21 ta' April, 2017, li ma kienx hemm bżonn aktar il-pożizzjoni ta' *Engineering Supervisor*. Skont dak li jispjega David Bermejo, l-*Engineering Director* tas-soċjetà appellanta, fis-seduta tal-5 ta' Mejju, 2017[8], u fl-*affidavit* tiegħu[9], dan kien għaliex kif jixhdu l-*job descriptions*[10] innifishom, l-inkarigu tal-*Engineering Supervisor* kien li jagħmel *"...'diagnostics on complex breakdowns and incidents', as well as to allocate resources and plan the same resources of the Company...",* u kien għal xi żmien qed isir mill-*Engineering Manager* u l-*Assistant Engineering Manager* minħabba n-natura kumplessa tax-xogħol, filwaqt li l-inkarigi l-oħra tal-*Engineering Supervisor* kienu qegħdin jitwettqu mit-*Team Supervisors*.

20. Issa David Bermejo fl-istess *affidavit* tiegħu jiddikjara li l-kariga ta' *Team Supervisor* ma ġietx offruta lill-appellat għaliex dak iz-zmien ma kienx hemm bżonn li tiġi impjegata persuna f'din il-kariga. Huwa spjega wkoll li kien hemm bżonn ta' *Mechanic* u għaliex l-appellat fil-passat kien jokkupa din il-kariga, din il-kariga ġiet offruta lilu. Iżda ix-xhud David Bermejo jammetti wkoll hekk kif kien qed jixhed quddiem it-Tribunal waqt is-seduta 6 ta' Ottubru, 2017, li *"Reuben could have been covering the role of a Team Supervisor, yes."* Jammetti wkoll li xi żmien qabel kienet saret sejħa interna għall-applikazzjonijiet għal din il-kariga. Mill-informazzjoni li rċieva l-appellat tramite s-sistema interna ta' komunikazzjoni bejn is-soċjetà appellanta u l-impjegati tagħha magħrufa bħala *Keep Me Posted,* dan jirriżulta li sar proprju ftit jiem

[8] *A fol.* 70.
[9] *A fol.* 92.
[10] *A fol.* 95.

qabel id-deċiżjoni tas-soċjetà appellanta twasslet lill-appellat permezz ta' laqgħa miegħu fis-26 ta' Lulju, 2016[11], jiġifieri fit-18 ta' Lulju, 2016.[12]

21. Għalhekk din il-Qorti tqis li s-soċjetà appellanta ma mxietx skont dak li obbligat ruħha li tagħmel fil-ftehim kollettiv f'każ ta' *redundancy* ta' impjegat tagħha li għalih kien japplika dak il-ftehim kollettiv. Huwa minnu li l-appellanta għamlet tentattiv sabiex iżżomm magħha lill-appellat billi offrietlu l-kariga ta' *Mechanic.* Iżda din il-Qorti ma tistax tikkunsidra li l-offerta kient waħda flokha u xierqa. Dan għaliex jista' jingħad li fl-istess żmien kien hemm bżonn ta' persuna fil-kariga ta' *Team Supervisor,* kariga li kienet tinvolvi impenn viċin ferm għal dak li diġà kellu l-appellat bħala *Engineering Supervisor,* u li kellha marbut magħha salarju veru inqas mis-salarju tal-kariga li kellu l-appellant, iżda aktar minn dik ta' *Mechanic.*[13] B'hekk it-Tribunal kien korrett meta ddikjara li *"Is-Soċjetà Appellata, warrbet, insiet jew deliberatament ma mxietx ma' dak kollu li ntrabtet li għandha tagħmel skont il-ftehim Kollettiv (*Collective Agreement: 2016 – 2020)."

22. Għaldaqstant din il-Qorti ssib li dawn l-aggravji tas-soċjetà appellanta mhumiex ġustifikati u tiċħadhom.

*It-tielet aggravju:* *"Illi mingħajr preżudizzju għas-suespost u subordinatament ukoll, id-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali hija msejsa fuq konsiderazzjonijiet legali żbaljati, erronji u illoġici li ma jagħmlu ebda riferiment għal-liġi u ġurisprudenza viġenti inkwistjoni*

[11] Ara kopja ittra ta' Roderick Bajada *a fol.* 11.
[12] Ara Dok. R.P.1 *a fol.* 236 u xhieda appellat seduta tas-26 ta' Jannar, 2018, *a fol.* 248 *tergo*.
[13] Skont il-ftehim kollettiv is-salarji fis-sena 2016 kellhom ikunu: Engineering Superivisor €24,723, Team *Supervisor* €22,767 u *Mechanic* €18,769.

*u li huma msejsa fuq apprezzament żbaljat tal-liġi u l-prassi industrijali."*

23. It-tielet aggravju tas-soċjetà appellanta huwa fir-rigward tal-mertu proprju tal-vertenza bejn il-partijiet. Tispjega li t-Tribunal qies li r-*redundancy* tal-appellat kienet waħda inġusta meta ikkunsidra l-fatt li l-ittra li permezz tagħha ntemm l-impjieg tal-appellat ma kinitx iffirmata mill-istess persuni li ffirmaw il-ftehim kollettiv u li dik l-ittra ma ċitatx *ad verbatim* l-klawsoli ta' dak il-ftehim fir-rigward ta' *redundancies*. Is-soċjetà appellata tilmenta li l-kummenti tat-Tribunal fir-rigward tal-prova dokumentarja ppreżentata minnha kienu jagħtu x'jifhem li ma kkunsidrax sew l-istess prova u dan bi ksur tad-dritt għal smigħ xieraq. Fl-aħħar nett tissottometti li jekk it-Tribunal ħass li hija ma kinitx imxiet skont il-ftehim kollettiv fejn dan kien jirrikjedi li hija taderixxi mal-provvedimenti tal-liġi viġenti, huwa ma ta l-ebda ħjiel dwar kif hija kienet naqqset.

24. L-appellat jilqa' billi jissottometti li għalkemm is-soċjetà appellanta qiegħda ssostni li d-deċiżjoni hija waħda msejsa fuq konsiderazzjonijiet żbaljati, erronji u illoġiċi, hija ma tindikax fejn fid-deċiżjoni jsir dan.

25. F'dan ir-rigward il-Qorti ma taqbilx mas-soċjetà appellanta. It-Tribunal għaraf li r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet determinata permezz tal-ftehim kollettiv u għamel riferiment dirett għall-paragrafu 54.1 billi jiċċita l-ewwel parti tiegħu fejn hemm patwit li *"All redundancies will be made in accordance with the provisions of current Industrial Legislation... ."* Aktar tard fid-deċiżjoni appellata, it-Tribunal jasal ukoll biex jgħid li s-soċjetà appellanta saħansitra

naqset milli timxi ma' dak li ffirmat għalih u anki milli tagħmel użu mill-makkinarju li jipprovdu għalih id-dispożizzjonijiet tal-liġi industrijal viġenti. Għalhekk bla dubju ta' xejn it-Tribunal mexa ma' dawk id-dispożizzjonijiet tal-liġi applikabbli għall-każ odjern u ma jistax jingħad li huwa ħareġ barra l-parametri tal-kwistjoni ta' *redundancy* li hija proprju l-mertu tal-proċeduri odjerni, wisq anqas li huwa sejjes id-deċiżjoni tiegħu fuq in-nuqqas ta' firma tal-partijiet tal-ftehim kollettiv fuq l-ittra tat-tkeċċija u li din ma kinitx tirrifletti *ad verbatim* id-dispożizzjonijiet tal-ftehim kollettiv fir-rigward ta' *redundancies*.

26. Għaldaqstant din il-Qorti ssib dan it-tielet aggravju tas-soċjetà appellanta mhux ġustifikat u tiċħdu.

*Is-sitt aggravju:* *"Mingħajr preġudizzju għall-aggravji kollha, f'każ illi tiġi kkonfermata s-sejba ta' tkeċċija inġusta u suffiċjenti u l-għoti ta' kumpens lill-appellat, it-Tribunal Industrijali assolutament ma ta l-ebda motivazzjoni għall-mod kif ġie llikwidat il-kumpens ta' €32,000 u dan ċertament ma jirriflettix id-dettami tal-art. 81(2) tal-Kap. 452"*

27. Is-soċjetà appellanta tħoss ruħha aggravata bil-mod li ġiet likwidata s-somma ta' €32,000 li hija ġiet ordnata mit-Tribunal tħallas lill-appellat bħala kumpens. Tissottometti li tenut kont ta' dak li jipprovdi is-subartikolu 81(2) tal-Kap. 452, it-Tribunal ma ppreżenta l-ebda spjegazzjoni ta' kif wasal għal din is-somma sostanzjali. Huwa lanqas ikkunsidra li l-appellat kien ġie offrut xogħol ieħor mas-soċjetà appellata stess qabel ma ntemm l-impjieg tiegħu. In sostenn

tal-argument tagħha s-soċjetà appellanta tagħmel riferiment għal żewġ sentenzi ta' din il-Qorti, kif diversament presjeduta, waħda minnhom proprju kontriha fl-ismijiet **Carmel Borg *vs.* Malta Public Transport Services (Operations) Limited**.[14]

28. L-appellat iwieġeb billi jissottometti li l-liġi speċjali applikabbli ma kinitx tipprovdi għal regoli fissi fir-rigward ta' kumpens. Huwa jagħmel riferiment għas-subartikolu 81(2) tal-Kap. 452 u jgħid li dan kien jistabbilixxi ċerti kriterji li fl-ambitu tagħhom kellhom jitqiesu ċ-ċirkostanzi fattwali għall-fini ta' apprezzament ekwu.

29. Is-soċjetà appellanta għandha raġun meta tgħid li t-Tribunal ma ta l-ebda spjegazzjoni dwar kif wasal għas-somma li hija kellha tħallas lill-appellat bħala kumpens għat-tkeċċija mill-impjieg tiegħu. Din il-Qorti tagħraf ukoll li s-somma likwidata hija waħda pjuttost qawwija u saħansitra tqis li hija waħda eċċessiva meħuda inkonsiderazzjoni n-nuqqas ta' provi da parti tal-appellat fir-rigward tat-telf li huwa bata. Fid-dawl tal-kriterji stabbiliti permezz tal-*proviso* tal-paragrafu (a) tas-subartikolu 81(2) tal-Kap. 452, din il-Qorti tista' biss tikkostata fatt wieħed rilevanti fil-kuntest ta' likwidazzjoni ta' kumpens, jiġifieri d-dikjarazzjoni in kontroeżami magħmula mill-appellat stess li huwa dam madwar sitta sa seba' ġimgħat qabel ma sab impjieg ieħor.[15] Issa jirriżulta li l-paga li kellu l-appellant fl-impjieg tiegħu bħala *Engineering Supervisor* skont il-ftehim kollettiv, kienet ta' €24,723 fis-sena u għalhekk tqis li s-somma ta' €3,328.00[16] għandha tkun waħda aktar xierqa u ekwa fiċ-ċirkostanzi.

[14] AE/64/2017 u **Publius Davison *vs.* De La Rue Currency and Security Printing Limited**.
[15] Ara xhieda tiegħu waqt is-seduta tat- 23 ta' Frar, 2018, a *fol.* 274.
[16] €24,723÷52x7.

*Is-seba' aggravju:* *"Illi fejn it-Tribunal ordna sabiex (i) jinħareġ "ċertifikat nadif ta' Temm tal-Impieg u li fih ma tħalli l-ebda dubju f'min jaqrah li l-impieg ma ntemmx fuq bażi ta' Dixxiplina jew* 'Redundancy'*; u (ii) "li Is-Soċjetà Appellata bħala l-Prinċipal tara li tkun ħallset fis-sħih is-sehem tagħha tal-Kontribuzzjoni tas-Sigurtà Nazzjonali għall-perijodu kollu matul l-impieg tal-Appellant" dawn jeċċedu l-kompetenza tat-Tribunal ..."*

30. Dan l-aħħar aggravju jittratta r-rimedji l-oħra li ta t-Tribunal fir-rigward tal-ksur tal-kuntratt tax-xogħol min-naħa tas-soċjetà appellanta. Din tal-aħħar issostni li dawn ir-rimedji mogħtija mit-Tribunal ma jaqgħux fil-kompetenza tat-Tribunal. Tosserva wkoll li l-appellat ma kien għamel l-ebda talba sabiex jingħata l-imsemmija rimedji, filwaqt li ma kien hemm l-ebda prova li s-soċjetà appellanta kienet naqset milli tħallas xi kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali.

31. L-appellat jidher li qed jaqbel mas-sottomissjonijiet tas-soċjetà appellata u jsostni li fil-fatt it-Tribunal kien legalment żbaljat limitatament meta ordna li jinħareg ċertifikat nadif ta' temm ta' impjieg u li s-soċjetà appellanta tħallas sehemha kollu mill-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali dovuta matul l-perijodu kollu tal-impjieg tal-appellat.

32. Din il-Qorti tgħid li għalkemm skont il-paragrafu (b) tas-subartikolu 81(2) it-Tribunal *"...jista' jagħti sentenza ta' kumpens u jagħmel dawk l-ordnijiet li jidhirlu xierqa biex jirrimedja l-ksur...",* l-ordnijiet mogħtija mit-Tribunal fl-ewwel żewġ paragrafi tal-parti deċiżiva tad-deċiżjoni appellata huma pjuttost superfluwi fid-dawl tat-talbiet tal-appellat, li wara kollox huwa stess qed

jiddikjara fir-risposta tal-appell tiegħu li t-Tribunal qatt ma kellu s-setgħa u l-kompetenza li jagħmel dawk l-ordnijiet li lanqas huwa stess kien talab għalihom. Din il-Qorti tgħid ukoll li d-doveri tas-soċjetà appellanta fir-rigward tal-ħlas ta' sehemha mill-kontribuzzjonijiet tas-Siġurtà Soċjali, kif ukoll dawk relattivi għall-mod kif għandha tiġi riflessa d-deċiżjoni tat-Tribunal fir-rigward tat-tmiem tal-impjieg tal-appellat, jipprovdu għalihom liġijiet oħra speċjali u kull vertenza fir-rigward ta' ksur tagħhom ma taqgħax fil-kompetenza tat-Tribunal.

33. Għaldaqstant din il-Qorti ssib li dan l-aggravju huwa ġustifikat u qiegħda tilqgħu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tilqgħu limitatament fir-rigward tar-rimedji mogħtija mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata billi (a) tħassar u tirrevoka l-ewwel żewġ ordnijiet magħmula minn dak it-Tribunal permezz tal-paragrafi (i) u (ii) tal-Artikolu 05 intestat KUMPENS; (b) tnaqqas il-kumpens dovut skont il-paragrafu (iii) ta' dak l-Artikolu għas-somma ta' €3,328, liema kumpens għandu jitħallas mis-soċjetà appellanta lill-appellat, bl-imgħax dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza, u dan filwaqt li tikkonferma l-kumplament tad-deċiżjoni appellata.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal u ta' dan l-appell għandhom jitħallsu inkwantu għal tliet kwarti minnhom (3/4) mis-soċjetà appellanta u inkwantu għar-rimanenti kwart (1/4) mill-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**